Nru./No. 21,637
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 1 ta' Mejju, 2026
Friday, 1st May, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 5945
Government Notices *5945*

Avviżi tal-Qorti ..... 5946 - 5948
Court Notices ..... *5946 - 5948*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 718

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Il-Prof. Charmaine Gauci	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	6.5.2026 - 8.5.2026

L-1 ta' Mejju, 2026

GOVERNMENT NOTICES

No. 718

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health and Active Ageing has approved the following acting appointment:

1st May, 2026

Nru. 719

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-5 ta' Mejju, 2026.

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Il-Marsa	Robert Buhagiar

L-1 ta' Mejju, 2026

No. 719

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from the 5th of May, 2026.

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Marsa	Robert Buhagiar

1st May, 2026

Nru. 720

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Reġistru Elettorali

SKONT id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 33 (5) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

L-1 ta' Mejju, 2026

No. 720

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Electoral Register

IN accordance with the provisions of subarticle 33 (5) of the General Elections Act (Cap. 354), a revised Electoral Register is published with this Gazette.

1st May, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1193

B'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Frar, 2026, fuq rikors ta' 35° 14° Capital SCC plc (C105417) li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 19 ta' Mejju, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2), fl-ewwel sular (groundfloor level), formanti parti minn blokk ta' tnax-il flat (12) bla numru iżda jġib l-isem 'Sylvia Flats' fi Triq Emmanuel Galizia, qabel magħrufa bħala triq ġdida li tagħti għal Triq Princess Margaret f'Ta' Xbiex, liema blokk huwa konfinat mit-Tramuntana mal-imsemmija triq u mill-irjiħat l-oħra kollha ma' beni tal-kumpanija Gasan Properties Limited jew is-suċċessuri tagħha u liema blokk jagħmel parti minn kumpless magħruf bħala 'Capri Court', qabel magħruf bħala 'Gasan Court', fi Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex, konfinanti l-imsemmi kumpless mill-Grigal mal-imsemmija triq, mix-Xlokk ma' Triq Giorgio Mitrovich qabel triq ġdida li tagħti għal Triq Testaferrata u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-familja Camilleri jew l-aventi kawża tagħhom.

L-appartament huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94), altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u suġġett għas-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu favur il-proprjetà l-oħra sovrastanti l-istess blokka, b'sistemi tal-katusi tad-drains tal-ilma u tad-drenaġġ komuni mal-proprjetà sottostanti u d-dritt ta' aċċess ta' ħsara u manutenzjoni f'ħinijiet raġonevoli, bi dritt għal satellite dish/television aerial u tank tal-ilma ta' kapaċita' ta' mhux aktar minn ħames mitt litru (500L) fuq il-bejt tal-blokk, f'post indikat u bi dritt ta' aċċess f'każ ta' ħsara u manutenzjoni f'ħinijiet raġonevoli, inkluż ukoll l-obbligu prorata għall-ħlas ta' manutenzjoni u riparazzjoni tal-partijiet komuni u l-obbligu ta' tiħsieb fl-Owners Association tal-istess blokk meta din tiġi formata. Inkluż ukoll wieħed minn tnax-il (1/12) parti indiviża mill-partijiet intiżi għall-użu komuni, ċoè l-entratura, it-taraġ, indani, tromba u partijiet

By a decree given on the 10th October, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 5th February, 2026, on the application of 35° 14° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, Tuesday, 19th May, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number two (2), at ground floor level, forming part of a block of twelve (12) apartments without a number but named 'Sylvia Flats' in Triq Emmanuel Galizia, previously known as new street abutting unto Triq Princess Margaret in Ta' Xbiex, which block of apartments is bounded from the north by the said street and from all the other boundaries by property of the company Gasan Properties Limited or its successors in title and which block forms part of a bigger complex called 'Capri Court', previously known as 'Gasan Court' in Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex, bounded the said complex from the northeast by the said street, from the southeast by Triq Giorgio Mitrovich previously a new street which abuts unto Triq Testaferrata and from the north by property of family Camilleri or its successors in title.

The apartment is subject to the annual and perpetual ground rent of thirty four Euro and ninety four cent (€34.94), otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, subject to the resultant servitudes due to its position in favor of the other property above it in the same block, with the water and drainage pipes system in common with the underlying property and with the right of access in case of damages and maintenance in reasonable hours, with the right to install a satellite dish/television aerial and water tank of a capacity not more than five hundred litres (500L) on the roof of the block, in the indicated place and with the right of access in reasonable hours in case of damages and maintenance, including also the maintenance and repairs of the common areas pro rata payment obligation and the obligation to join the Owners Association of the same block once this is established. Including also one from twelve (1/12) undivided share of the parts intended for the common use

kollha intiżi għall-użu komuni, u stmat li jiswa tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000).

L-appartment jinsab deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef datat it-03 ta' Settembru, 2004, fejn kien ġie akkwistat minn Anna Micallef Babola u Antoine Micallef u li wara, Antoine Micallef permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat is-7 ta' Ottubru, 2009, fl-atti tan-Nutar Maria Sciberras assenja u ttrasferixxa n-nofs indiviż tiegħu lil Anna Micallef Babola.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Micallef Babola Anna Paulina sive Anna (KI 26027A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 48/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 29 ta' April, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and therefore the entrance, the stairs, the hallway, staircase, and all the parts intended for the common use, and is valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000).

The apartment is better described in the acts of Notary Bartolomeo Micallef dated the 3rd September, 2004, in which it was acquired by Anna Micallef Babola and Antoine Micallef and afterwards, Antoine Micallef by means of a separation contract dated the 7th October, 2009, in the acts of Notary Maria Sciberras assigned and transferred his half undivided share to Anna Micallef Babola.

The said tenement is the property of Micallef Babola Anna Paulina sive Anna (ID 26027A)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 48/2024.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 29th April, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1194

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-21 ta' April, 2026, u dan wara Rikors b'numru 298/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Emelia Farrugia meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta kif ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 32/2020 sabiex it-tieni isem tar-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Ibarra' għal 'Cabrera'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 27 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 21st April, 2026, and upon an application numbered 298/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Emelia Farrugia when it is registered in Malta, as well as on the Act of Marriage number 32/2020, so that the applicant's second name is changed from 'Ibarra' to 'Cabrera'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 27th April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1195

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-25 ta' April, 2026, u dan wara Rikors b'numru 301/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Jacqueline Mary

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 25th April, 2026, and upon an application numbered 301/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Jacqueline

Sherman meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta sabiex kunjom xbubit ir-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Azzopardi' għal 'Brophy'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 28 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Mary Sherman when it is registered in Malta, so that the applicant's maiden surname is changed by annotation from 'Azzopardi' to 'Brophy'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 28th April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1196

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-25 ta' April, 2026, u dan wara Rikors b'numru 313/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Delia Mamites Grech meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta kif ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 1039/2019 sabiex it-tieni isem tar-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'G' jew 'Gastador' għal 'Mamites'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 28 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 25th April, 2026, and upon an application numbered 313/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Delia Mamites Grech when it is registered in Malta, as well as on the Act of Marriage number 1039/2019, so that the applicant's second name is changed by annotation from 'G' or 'Gastador' to 'Mamites'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 28th April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1197

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-25 ta' April, 2026, u dan wara Rikors b'numru 1007/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Nisa Bernice Wing-Yu Leung meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta sabiex l-isem tar-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Bernice Wing-Yu' għal 'Nisa Bernice Wing-Yu'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 28 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 25th April, 2026, and upon an application numbered 1007/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Nisa Bernice Wing-Yu Leung when it is registered in Malta, so that the applicant's name is changed by annotation from 'Bernice Wing-Yu' to 'Nisa Bernice Wing-Yu'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 28th April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603